**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : 9**
**Appell Nru: 63/2001**

**Il-Pulizija (Spettur D. Galea)**

**Vs**

**PAUL MICALLEF**

**Illum, 24 ta'Settembru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Paul Micallef talli fis-27 ta'Gunju, 2000, ghal habta tas-1.00 p.m., f'St. Anthony Street, Bugibba, bil-hsieb li jikkaguna feriti ta'natura gravi fuq il-persuna ta'Dorothy Cini, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi rriversja l-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni KAB 425 fid-direzzjoni ta' l-istess Dorothy Cini, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 41 (1)(a) u 217 tal-Kap. 9. Akkuzat wkoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hedded u ingurja lill-Dorothy Cini bi kliem, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339 (1)(e) tal-Kap. 9. Akkuzat ukoll talli fl-istess data,

lok, hin u cirkostanzi, kiser il-buon ordni w l-paci pubblika b'ghajjat u glied, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338 (dd) tal-Kap. 9.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali tas-27 ta'Marzu, 2001, li biha Paul Micallef gie misjub hati talli kkaguna ferita ta'natura hafifa fuq il-persuna ta'Dorothy Cini, kif ukoll talli heddidha u ingurjaha, u fuq dawn l-akkuzi misjub hati gie kundannat komplessivament tmenin Lira Maltin (Lm80) Multa. Ma nstabx hati fuq l-ahhar akkuza, u gie liberat minnha.

Rat ir-rikors t'appell ta'Paul Micallef datat 4 t'April, 2001, li bih talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata limitatament in kwantu ghal dawk l-akkuzi li fuqhom instabet htija fih.

Rat l-aggravju ta'l-appellant Paul Micallef.

Rat l-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Fl-ewwel aggravju tieghu, l-appellant jirritjeni li l-provi li ressqghet il-prosekuzzjoni setghu jwasslu biss sal-grad tal-probabbli, u ghalhekk l-ewwel Qorti ma setghetx legalment issib htija fih.

Fit-tieni aggravju tieghu, l-appellant jghid li gja' la darba l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li ma kienx hemm l-elementi kollha rikjesti mil-ligi sabiex ikun hemm tentattiv ta' delitt (f'dan il-kaz ta'offiza gravi fuq il-persuna), allura jsegwi li dik il-Qorti qatt ma setghet issibu hati ta' offiza ta'natura hafifa fuq l-istess persuna.

It-tielet aggravju ta' l-appellant jirreferi ghall-akkuza ta'ingurja w theddid. Hawnhekk hu jghid li mill-provi prodotti jirrizulta konflitt car u, ghalhekk, kien hemm id-dubju ragjonevoli li minhabba fih l-ewwel Qorti ma setghetx legalment issib htija fih.

Illi ghalkemm l-appellant ghandu tlett aggravji, fil-fatt dawn jistghu jigu kunsidrati kollha flimkien ghaliex dak li qed jghid huwa kollu kemm hu kwistjoni ta'apprezzament tal-provi.

Hu minnu li f'dan il-kaz hemm zewg verzjonijiet kontrastanti. Dorothy Cini tallega li l-appellant irriversja ghal fuqha bil-vettura tieghu bir-rizultat li ikkagunalha stat ta'ansjeta' u xokk. Ma jirrizultax, anzi hi ma tghidx li laqghatha pero'. Tghid ukoll li ingurjaha billi ghajjarha bahnana w lesbjana, u anke heddida, izda ma qaletx f'hiex kien jikkonsisti dan it-theddid. Minn naha tieghu, l-appellant jichad li hu qatt irriversja l-vettura tieghu ghal fuqha, u jichad li qatt qalilha xi kliem ingurjuz bhal ma qed tallega hi. Huma zewg verzjonijiet konflingenti ta' x'ezattament gara fil-hin u post indikati fl-akkuzi.

Issa, apparti l-fatt li mill-aspett legali l-ewwel Qorti kellha ragun fl-interpretazzjoni li tat ghal dak li jista jinkwadra ruhu fl-offiza ta'natura hafifa fuq il-persuna, li jrid jigi stabbilit f'dan il-kaz preliminarjament hu jekk il-fatti kienux dawk kif qed tallegahom Dorothy Cini, jew kif qed jghid li kienu l-appellant.

Din il-Qorti tassew issibha difficli biex temmen verzjoni wahda u tiskarta l-ohra. Fil-fatt jidher li anke l-ewwel Qorti kellha din id-diffikolta' tant li qalghet li fil-fehma taghha l-verita' tinsab fit-triq tan-nofs. Tali kumment ta' l-ewwel Qorti jindika li hi ma kienetx moralment konvinta mill-verzjoni li tat Dorothy Cini, ma kienetx waslet sa dak il-grad rikjest mil-ligi biex tistabbilixxi htija. Jekk il-verita' tal-fatti tinsab fit-triq tan-nofs, allura, hemm zgur id-dubju ragjonevoli, hemm zgur element ta'probabilita' li hu veru dak li qed jghid l-appellant. Dan hu kaz fejn jew temmen verzjoni wahda jew l-ohra. Ma hemmx triq tan-nofs. Jekk titwemmen il-verzjoni ta' Dorothy Cini, din trid tkun wahda fuq bazi ta' konvinciment morali, bir-rizultat li ma jista' jitwemmen xejn minn dak li qal l-appellant. Jekk hemm xi verita' f'dak li qed jghid l-appellant, allura hemm id-

dubju ragjonevoli, hemm il-grad tal-probabbli, ma hemmx il-konvinciment morali f'dak kollu li qalghet Cini.

Issa barra minn hekk, mill-apprezzament tal-provi li sar minn din il-Qorti biex tara jekk l-ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghal konkluzzjonijiet li waslet ghalihom, din il-Qorti ssib li x-xhieda moghtija minn Dorothy Cini kienet wahda daqxejn konfuzjonarja u ma tinftiehemx f'xi waqtiet. Minn naha ta' l-appellant, ix-xhieda tieghu kienet soda, cara u konsistenti. Il-Qorti tara li mill-provi prodotti hemm tassew konflitt serju li, indubjament, fil-kaz prezenti jwassal ghal dubju dettat mir-raguni. Din il-Qorti ma ssib ebda konvinciment morali f'dak li xehdet Cini fis-sens li in bazi tax-xhieda taghha wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzjoni li gara dak li qed tghid hi kemm ghal dik li hi l-akkuza ta' l-offiza fuq il-persuna, kif ukoll l-akkuza ta' ingurji u theddid.

Ma jidherx li l-ewwel Qorti ghamlet ezami dettaljat tal-provi, izda spjegat b'mod korrett l-aspett legali tar-reati addebitati lill-appellant minghajr ma rat jekk effettivament il-fatti jinkwadrawx fil-qafas tal-ligi moghti minnha.

Ghal dawn il-motivi, ghalhekk, il-Qorti tilqa' l-appell ta'Paul Micallef billi filwaqt li qed tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti liberatorja taghha, qed thassarha w tirrevokaha fil-bqija, biex b'hekk hu jigi liberat minn kull akkuza, htija w piena.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur